C/2025/1467

25.2.2025

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

(C/2025/1467)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Chiril GUZUN, Dmitry MILYUTIN, Evghenia GUȚUL, Igor Yuryevich CHAIKA, Iurii CUZNEȚOV, Mihail VLAH, Nelli PARUTENCO, Ilia UZUN, Dumitru CHITOROAGĂ, Assoċjazzjoni Pubblika – Association of People with Epaulettes "Scutul Poporului", u EVRAZIA, persuni u entitajiet li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova.

Il-Kunsill bihsiebu jżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet imsemmijin hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u/jew evidenza ġodda.

Dawk il-persuni u l-entitajiet huma b'dan infurmati li huma jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma fis-seħħ tal-miżuri restrittivi, qabel it-4 ta' Marzu 2025, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu